# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 24 ta'Frar 2016**

**Kawza Numru : 15**

**Rikors Numru : 991/2013 JPG**

**Anjo Limited (C 18352)**

**-VS-**

**Tal-Herba Construction Limited (C 14183)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Anthony Caruana in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Anjo Limited, tas-16 t'Ottubru 2013, li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' Rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' mija hamsa u ghoxrin elf tmien mrja wiehed u sittin euro u tmienja u sittin centezmu (€125,861.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bibien tal-injam, ghamara u accessorji relattivi mibjugha u kkonsenjata bl-ingrossa lis- socjeta' konvenuta mis-socjeta' Rikorrenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta u dana kif jirrizulta mill-annessi invoices (Dok. "A1").*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeta' Rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' Rikorrenti, s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.*

3. *Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.*

4. *Dawn il-fatti huma maghrufa lis- socjeta' Rikorrenti personalment.*

5. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-Rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' Rikorrenti l-ammont ta' mija hamsa u ghoxrin elf tmien mija wiehed u sittin euro u tmienja u sittin centezmu (€125,861.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bibien tal-injam, ghamara u accessorji relattivi mibjugha u kkonsenjata bl-ingrossa lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' Rikorrenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat u tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2011, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti"*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Tal-Herba Construction Limited C 14183 tas-26 ta' Novembru 2013 mahlufa minn Anthony Spiteri (a fol. 17 et seq.) li taqra hekk:

*"**1. Illi fl-ewwel lok in via preliminari,l-azzjoni proposta mis-socjeta' rikorrenti hija preskritta u dan ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta***

*Illi Anjo Limited topera fil-kamp ta' manifattura u installazzjoni ta' oggetti ta' l-injam fosthom bibien u ghamara.*

*Illi fl-2008, is-socjeta' intimata ikkompletat progett ossia binja kummercjali bl-isem ta' Tower Business Centre gewwa Tower Street, Swatar u dan bil-ghan illi l-ufficji individwali formanti parti ta' l-istess blokk, jigu mikrija lil terzi bhala ufficji.*

*Illi fl-istess sena, is-socjeta' esponenti ikkonkludiet diversi kuntratti ta' kera relattivi ghall-imsemija ufficji u sussegwentement u bhala parti mill-ftehim mal-kerrejja, is-socjeta' esponenti kienet obbligata illi tlesti l-finishings ta' bibien ta' l-ufficji. Ghal dan il-ghan is-socjeta' esponenti ingaggjat lis-socjeta' Anjo Limited sabiex din ta' l-ahhar tkun inkarigata mill-finishings ta' bibien.*

*Illi gialadarba is-socjeta' esponenti inkarigat lil Anjo Limited ghall-progett ta' parti mill-ufficji gewwa Tower Business Centre, hija assenjat ukoll lil Anjo Limited xoghol gewwa propjeta' Bugibba ghall-manifattura u installazzjoni ta' hames bibien.*

*Illi l-inkarigu ikkuntrattat lil Anjo Limited kien wiehed verbali u kien jikkonsisti f'konsulenza dwar il-materjal tal-bibien kif rikjest mill-kerrejja individwalment, it-tehid tal-qisien partikolari, il-kostruzzjoni ta' l-imsemmija bibien kif ukoll l-installazzjoni ta' l-istess. Il-progett inbeda minn Anjo Limited u minn terzi ikkuntrattati u/jew mqabbda minn Anjo Limited.*

*Illi ghalhekk, l-inkarigu ta' Anjo Limited kien imur ferm oltre l-bejgh ta' oggetti proprju ghaliex Anjo Limited kienet inkarigata u kkuntrattata mis-socjeta' esponenti sabiex tlesti fazi shih ta' progett (diversi ufficji assenjati lil Anjo Limited) u kuntrarjament*

*ghall-allegazzjoni attrici, il-ftehim bejn il-kontendenti ma kienx wiehed ta' semplici bejgh bl-ingrossa.*

*Illi fl-ahhar ta' Awissu 2008, is-socjeta' esponenti itterminat l-appalt verbalment u inkarigat lil terzi sabiex tigi konkluza l-fazi tal-progett originarjament assenjata lil Anjo Limited u dan stante diversi nuqqasijiet fil-materjal utilizzat minn Anjo Limited u nuqqas tas-sengha u l-arti fil-ezekuzzjoni ta' l-appalt. Gialadarba il-kerrejja ta' l-ufficji assenjati lil Anjo Limited kienu jezigu ufficju komplut sal-ahhar ta' l-2008, is-socjeta' esponenti kienet kostretta ssib mezzi alternattivi urgentement sabiex tonera l-obbligi mal-kerrejja sa l-ahhar ta' l-2008.*

*Illi ghalkemm saru pagamenti da parti tas-socjeta' esponenti fl-2008, mat-terminazzjoni ta' t-appalt is-socjeta' esponenti infurmat lil Anjo Limited illi l-bilanc kien disputa minhabba nuqqasijiet serji fil-prestazzjoni u x-xogholijiet rezi u spejjez addizzjonali li inkorriet is-socjeta' esponenti sabiex tipprovdi l-kerrejja bll-finishings pattwiti stante n-nuqqassijiet ta' Anjo Limited.*

*Illi kemm qabel kif ukoll wara li gie tterminat l-appalt, is-socjeta' esponenti qatt ma rceviet fatturi jew talba ghal hlas da parti ta'Anjo Limited.*

*Illi filwaqt li l-fatturi ipprezentati mar-rikors promotur ma jindikaw ebda indirizz tas-socjeta' esponenti, l-ahhar fattura tindika d-data ta' **8 ta'Jannar 2009**. In piu', l-ittra ufficjali, ipprezentata minn Anjo Limited fl-**14 ta' Jannar2011**, qatt ma giet notifikata lis-socjeta' esponenti u nonostante riferta negattiva, qatt ma kien hemm xi tentattivi ulterjuri sabiex din l-ittra ufficjati tigi notifikata lis-socjeta' Tal-Herba Construction Limited.*

*Illi fi kwalsiasi kaz u ai termini ta'l-Artikolu 2149(a), azzjonijiet ta' mastrudaxxi li jahdmu sengha u azzjonijiet ta' kuntratturi ta' xogholijiet ta' l-injam ghall-prezz tax-xogholijiet taghhom jew l-opri mahduma minnhom jew ghall-materjali li jfornu, **jaqghu bi preskrizzjoni ta' sentejn** rispettivament.*

*Illi ghalhekk gialadarba x-xogholijiet gew itterminati f'Awissu 2008 (u anke li kieku ipotetikament tlestew fit-8 ta' Jannar 2009 ai termini tal-fatturaipprezentata u mmarkata Dok. A), l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' sentejn.*

***2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' preskrizzioni, l-appalt ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti u l-materjali utilizzati ma kenux tal-kwalita' pattwita***

*Illi kif ser jigi ippruvatwaqt il-kawza, l-appalt ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti u l-materjali u l-oggetti forniti mis-socjeta' attrici in ezekuzzjoni ta' l-istess ma kienux tal-livell miftiehem. Dan kif jirrizulta minn korrispondenza estensiva da parti tas-socjeta' esponenti u l-kerrejja ta' l-ufficji stess, li ntbaghtet lil Anjo Limited u li ser tigi ezebita.*

***3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sollevati, t-azzjoni kif dedotta hija improponibbli stante illi l-ftehim bejn il-partijiet kien jispecifika htas permezz ta' flus kontanti ghal terz tal-progett u hlas permezz ta' tparti ta' xoghol ta' kostruzzjoni ghar- rimanenti zewg terzi***

*Illi l-azzjoni kif proposta ma tirriflettix il-ftehim bejn il-partijiet.*

*Illi kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza, il-ftehim ghall-metodologija ta' hlas bejn il-partijiet kien in linea mal-prassi ta' negozjanti fil-kamp tal-kostruzzjoni u gie specifikament miftiehem illi filwaqt li terz tal-prezz ta' l-appalt jithallas fi flus kontanti, kif fil-fatt sar, ir-rimanenti zewg terzi jithallsu mis-socjeta' esponenti permezz ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq talba tas-socjeta' rikorrenti.*

*Illi in vista tat-terminazzjoni ta' l-appalt, is-socjeta' rikorrenti naqset milli titlob u tassenja lis-socjeta' esponenti xoghol ta' kostruzzjoni u kien biss kwazi hames snin wara, permezz tal-kawza odjerna,illi s-socjeta' esponenti giet infurmata b'talba ghal hlas fi flus ghax-xogholijiet ezegwiti.*

*Illi ghalhekk u in vista tal-ftehim pattwit, l-azzjoni kif dedotta hija improponibbli.*

***4. Illi l-ammont pretiz huwa eccessiv***

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kif ser jigi spjegat waqt il-kawza, l-ammont pretiz ma jirrispekkjax l-ammont dovut in kwantu dan huwa eccessiv u l-fatturi ezebiti ma jindikawx b'mod komprensiv kif gie ikkomputat dan l-ammont.*

*Illi hekk ukoll, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali intavolata fl-14 ta'Jannar 2011 u li ma gietx notifikata lis-socjeta' rikorrenti u l-ammont indikat fir-rikors guramentat, huma zewg figuri differenti b'diskrepanza ta' oltre Euro 7,000 u dan nonostante illi bejn l-2011 u d-data tar-rikors guramentat ma saru l-ebda servizzi jew konsenji ohra lis-socjeta' esponenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjoijiet tas-socjeta' intimata Tal-Herba Construction Limited C14183 tal-5 ta' Jannar 2016;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Anthony sive Tony Spiteri** xehed permezz ta' affidavit a fol 27 et seq, illi huwa d-direttur tas-socjeta ntimata li topera fil-kamp tal-kostruzzjoni u progetti relatati. Fis-sena 2007 is-socjeta ntimata lestiet il-kostruzzjoni ta' binja maghrufa bhala Tower Business Centre fis-Swatar, liema binja illum takkomoda diversi kumpanijji u entitajiet li jikru l-ispazju bhala ufficju. Huwa stqarr illi meta lesta l-binja kellu bzonn jlesti l-*finishings* tal-ufficji ghaliex kien diga iffirma diversi kuntratti ta' kera ma terzi. Huwa kien jaf li Anjo Limited kienet taghmel xoghol ta' bibieb, skirting u finishings relatati ghaliex Tony Caruana kien ilu jigri warajh biex jiehu x-xoghol tal-*finishings* f'idejh. Ghalhekk huwa qallu sabiex jghaddi l-prezzijiet lid-*designer* tieghu David Anastasi ghax kien ghadu ma jafx lil min ser iqabbad ghall-progett ta' *finishings*.

Qal illi wara li Anthony Caruana kien indika l-prezz ghas-servizzi u attrezzi, talbu sabiex ilesti l-*finishings* ta' bibien u *skirting* ta' zewg ufficji partikolari li kienu gew mikrija li CSB u lir-Regus. Sussegwentement beda jaghti lis-socjeta rikorrenti ordinijiet dwar ufficji ohra, pero dan dejjem sar a bazi ta' ufficju ufficju u mhux l-ufficju kollha fl-istess hin. Meta beda jinkarigah jaghmel xoghol f'ufficju ohra ix-xoghol tal-ewwel zewg ufficju kien ghadu ma wasalx.

Is-socjeta rikorrenti kienet tibghat haddiema biex imorru fuq il-post biex jiehdu l-qisien, tipprocessa l-ordni, timmanifattura l-oggetti *made to measure* u imbaghad tinstallahom. L-oggetti li kien ordna gew ikkonsenjati sal-ahhar tas-sena 2008.

Qal illi lejn l-ahhar ta' Awissu 2008 kien waqqaf l-appalt verbalment u inkariga terzi biex ilestu l-*finishings* anke dawn originarjament assenjati lis-socjeta rikorrenti minabba nuqqas tas-sengha fl-appalt u l-kwalita hazina tal-materjali li huma uzaw. Spjega li ma setghax jistenna tiswijiet jew bdil mis-socjeta rikorrenti peress illi l-kerrejja kellhom bzonn l-ufficju sal-ahhar tas-sena 2008 u ghalhekk kellu jsib kumpanija ohra sabiex tilhaq tlesti x-xogholijiet u l-*finishing* mehtiega.

Kompla illi huwa qabbad lil Anthony Caruana bhala kuntrattur sabiex jaqdi l-inkarigu specifiku kif deskritt. Qal li qatt ma rcieva fattura jew talba ghal hlas mis-socjeta rikorrenti, kemm qabel kif ukoll wara li ttermina l-appalt. Qal li filfatt sar jaf bil-proceduri incidentalment ghaliex kien cempillu l-bank tieghu u informah li kien sar mandat ta' sekwestru kontrih.

**Anthony Caruana,** prodott mis-socjeta ntimata xehed a fol 47 - 55 illi s-socjeta rikorrenti ghanda negozju ta' bibien u ghamara. Qal illi d-direttur tas-socjeta ntimata kien cempillu u inkarigah sabiex jaghmlu l-bibien interni tal-kumpless gewwa Birkirkara. Huma kienu marru jkejlu, immanifatturaw il-bibien, u imbaghad bew iwahhluhom f'posthom, skont l-istruzzjonijiet moghtija mill-persuna inkarigata mis-socjeta ntimata. Qal li kienu qabbdu *sub-contractor* biex jaghmel ix-xoghol ta' installazzjoni tal-bibien.

Caruana xhed li kienu qed jistennew pagament, u kien hemm anke xi diskussjonijiet fuq tpartit ta' materjal, izda dan it-tpartit qatt ma sar. Sostna li kienu taw cans lis-socjeta

rikorrenti peress illi kellhom il-problemi. Spjega li x-xoghol tlesta fis-sena 2009, u li apparti xoghol ta'bibien, kien hemm ukoll ordnijiet ghall-ghamara tal-kcina. Qal li d-direttur tas-socjeta ntimata kien tah xi *post-dated cheques* izda dawn ma ssarfux u gew *"referred back to drawer"*. Qal ukoll illi bejn is-sena 2008 u s-sena 2013 sakemm saret il-kawza, id-direttur tas-socjeta ntimata kien dejjem jghidilhom illi ser jirrangaw u hu tah cans peress li kien jaf li kellu xi kwistjonijiet mal-banek. Ikkonferma li sa fejn jaf hu, Spiteri kien kuntent bix-xoghol u qatt ma qallu li kien hemm xi problemi bil-bibien, apparti xi kwistjonijiet ta' *settings* ta' cappetti.

**David Anastasi,** prodott mis-socjeta rikorrenti, xehed a fol 66A-I illi huwa *interior designer* u ghandu l-kumpanija Foresight FS Design. Xhed li s-socjeta ntimata kienet klijenta tieghu u kien involut fil-progett ta' Tower Business Centre. Xhed li ma kienx jaf lis-socjeta rikorrenti, u kienet kumpanija rrakkomandata mis-socjeta ntimata. Huma kien ghamlu l-istess process tas-soltu meta ghazlu lis-socjeta rikorrenti, u cioe stiednu tlieta jew erbgha kumpaniji biex jikkowtaw ghax-xogholijiet skont id-disinni li jkunu hargu u b'hekk ghazlu lis-socjeta rikorrenti.

Spjega li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet parti sostanzjali mill-bibien interni ta' Tower Business Centre. Qal illi r-rati kwotati kienu jirreferu ghat-tip partikolari ta' bieb, bix-xambrella b'kollox. Dehrlu li l-installazjoni ghamlita s-socjeta rikorrenti, ghaliex fil-*quotation* li tawh l-installazzjoni kienet parti mill-prezz.

Qal illi x-xoghol kellu jkun lest sal-bidu tas-sena 2009 izda kien hemm problemi ta' *snagging*, xoghol mhux komplut u xoghol li ma sarx tajjeb. Fir-rigward ta' *snagging* qal illi dawn setghu kienu *teething problems* li jkunu jridu jitrangaw permezz ta' *adjustments* li pero hadu hafna zmien.

In kontro-ezami **qal li s-socjeta rikorrenti b'kollox wahlet circa xi tmenin bieb**, u li l-prezz miftiehem kien ghal kull bieb imwahhal. Mistoqsi fir-rigward ta' *snagging* qal li din hija haga normali li jkun hemm f'kull *trade*. Qal li ma kienx hemm qbil mas-socjeta rikorrenti fir-rigward tar-rati applikabbli meta huwa ghamel il-*claim* tieghu u ghalhekk kien gibdulu l-attenzjoni dwar dan. Spjega li sa fejn jaf hu, **l-ammont ta' xogholijiet maghmula mis-socjeta rikorrenti jammonta ghal madwar sittin elf Euro**.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta rikorrenti argumentat fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta ntimata ma tistax tirnexxi ghaliex skont il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eccezzjoni illi l-ammont reklamat huwa esagerat jew kompensat. Il-Qorti ghalhekk sejra tiddisponi l-ewwel net minn dan l-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti.

Fil-gurisprudenza tezisti distinzjoni bejn il-kompatibbilita tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu; u distinzjoni bejn l-komptabbilita tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma dik illi l-ammont reklamat huwa eccessiv jew kompensat.

Fil-fatt fis-sentenza **Giuseppe Schembri vs Giuseppe Chircop** deciza fl-14 ta' Jannar 1955, il-Qorti tal-Appell sostniet illi:

> ***"(L)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-297 1 ; Vol. XXX-I-976 2 ; Vol. XXXII-I-961 3 u Vol. XXXIV-I-329 4 ) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."***

Din huwa minhabba d-differenza bejn il-formula tal-gurament preskritta fil-Kodici Civili ghall-preskrizzjonijiet brevi u dik preskritta fil-kodici Taljan u anke dak Franciz, kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Amadeo Wismayer vs Ugo Naudi**, deciza fil-Frar 1932, fejn il-Qorti tal-Appell osservat illi:

> ***"Che contrariamente a quanto opino la prima Corte basandosi sul giudicato di questa Corte profferito il 25 febbraio 1925 in re "Chircop versus Azzopardi" (Collezione Volume XXIV,***

***Parte I, pagina 353), e da prescegliere la giurisprudenza contraria che, considerando aver l'articolo 1924 dell'Ordinanza No. VII del 1868, dissimile da quello 2142 del Codice Civile Italiano e 2275 del Codice Civile Francese, stabilito una formola tutta propria del giuramento da deferirsi a coloro che oppongono le prescrizioni brevi per cui essi non possono validamente dare una tale eccezione se con giuramento non dichiarino di non essere debitori o di non ricordarsi che la cosa sia stata pagata, mentre la formola del giuramento adottata nei detti codici continentali fa qualificare quella prescrizione come presuntiva del pagamento del debito, ritenne che il giuramento di non essere debitore puo estendersi anche al caso che la obbligazione non sia mai esistita e che percio` si possa eccepire la prescrizione compatibilmente con la contestazione del debito (Appello: "Portelli versus Barbara" 20 aprile 1910 Collezione XXI-I-200; "Caruana Mamo versus Mifsud Speranza" 16 maggio 1925; e "Fenech versus Bugeja", 10 aprile 1926, Vol. XXVI, I, sezione 3, pagine 255 e 300)."***[1]

Minn naha l-ohra, fir-rigward tal-komptabbilita o meno bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni illi l-ammont reklamat huwa ezagerat jew kompensat, gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited** deciza fit-28 ta' April 2004 illi:

*"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal Aubry et Rau (Vol. VIII para 776) u t-Troplong ("Prescrizione" no. 67) illi 'quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione'. Kif manifest minn dawn is*-sentenzi, ***jezistu***

1 Citata fis-sentenza **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Ministru tal-Ambjent et**, Qorti tal-Appell Civili deciza 25 ta' Frar 2005.

> ***sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudini tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu…jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont.*** *Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gia kompjuta...Minn dan kollu kommentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza prevalenti, li tidher ukoll li hi wahda kostanti, j**ista' ragjonevolment jinghad illi bil-mod kif wiegbet is-socjeta` appellanti fl-eccezzjoni primarja taghha hi giet li kienet qed taghraf li ghandha taghti, ghalkemm mhux l-ammont kif mitlub u pretiz mill-attur. B'hekk b'dan il-mod jista' jigi konkluz illi l-preskrizzjoni kienet qed tigi interrotta jew rinunzjata**."*

L-istess inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Dicembru 2005, gie il-Qorti irriteniet illi:

> ***"fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicement jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut, allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri". Ara sentenza fl-ismijiet "Victor Calleja nomine -vs- Nazzareno Vassallo et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u d-decizjonijiet fiha riferenzjati."***

Din il-linja ta' hiseb hija bbazata fuq il-principju illi jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn, **dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni**. Dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett, u lanqas hemm bzonn li rrikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu.[2] Infatti gie ripetutament ritenut fil-gurisprudenza nostrana, illi fejn fl-eccezzjonijiet, id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur,

2 Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p 632.

id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.[3] Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni.[4]

Minn dan kollu enuncjat huwa car illi galadarba s-socjeta ntimata ma eccepietx l-inezistenza assoluta tal-kreditu izda biss il-quatum reklamat, bl-eccezzjoni taghha kienet qed tirrikonoxxi d-dejn dovut lis-socjeta rikorrenti, u dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi minhabba l-inkompatibbilta mal-eccezzjoni illi l-quantum reklamat huwa eccessiv.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta ntimata, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

3 **Anthony Fenech et noe vs John Saliba**, Qorti tal-Kummerc deciza 21 ta' April 1971; **Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**, Qorti tal-Appell Civili deciza 5 ta' Ottubru 1998; **Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**, Qorti tal-Appell Civili deciza 24 ta' Marzu 2004.

4 **Alfredo Borg vs Carmelo Brincat et,** Qorti tal-Appell Civili deciza 5 ta' Gunju 1959; **Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**, Qorti tal-Appell Civili deciza 24 ta' Marzu 2004.